MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2014

Numru 712/2014

**SPETTUR ROBERT VELLA**

**VS**

**GIORGIO MAGRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Giorgio Magri ta’ 71 sena, bin Giuseppi u Lieni nee’ Attard, mwieled Qormi fl-10 ta’ Mejju 1944, residenti 21, Geolin, Triq il- Gradilja, Attard u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 439044M ;

Talli fl- 4 ta’ April 2013 ghall- habta tas- 2.30am gewwa l- Marsa;

1) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel hsara fuq vettura bil- mutur tal-ghamla Mercedes bin- numru tar- registrazzjoni BUS 262 ghad- dannu tad- dirigenti Arriva Malta Ltd u/jew ta’ entita’ jew entitajiet ohra u/jew ta’ persuna jew persuni ohra, liema hsara tiskorri €116.47 izda mhux izjed €1,164.47;

2) Talli fl- istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb fuq il- persuna ta’ Paul Galea u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa skont ma cceritifka Dr Adam Falzon MD Reg no. 3425 mill- isptar Mater Dei;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-imputat hallas is-somma ta' €431.55 *seduta stante* lil Malta Public Transport bhala danni ghas-saldu fuq il-mertu tal-kaz;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 325(1)(b) u 221 tal- Kap 9 tal – Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artkolu 22 tal-Kap 446 tal – Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------